**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 50 – IL-ĦAMIS 24 TA' ĠUNJU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fis-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri kien skużat minn qabel milli jattendi għal din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru disa' u erbgħin (49) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn il-15 ta' Ġunju u l-24 ta' Ġunju 2010.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1628/10. L-Awtorita' tat-Trasport għal darb'oħra kitbet

fuq il-linji s-sofor ta’ Triq Pawlu Grech u talbet aktar informazzjoni.

2.3. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1650/10. Il-Perit tal-Kunsill daħħal l -applikazzjoni u l-pjanti tal-proġett ta’ Triq il-Wied għand l-Awtorita’ tat-Trasport għall-approvazzjoni. Wara ssir applikazzjoni formali mal-Mepa.

Doc. A u B anness

**3. ILMENTI.**

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta’ ilmenti bejn il-15 ta’ Ġunju u l-24 ta’ Ġunju 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward talba Nru. 16/06-1 biex isiru l-linji s-sofor fi Triq Erin Serracino Inglott u talba Nru. 16/06-2 ‘għal-Traffic-Calming’ fl-istess triq; Il-Kunsill Lokali kien kiteb lit-Trasport Malta dwar dawn is-suġġetti u kellu risposta fuqhom. Għaldaqstant sejjer jerġa’ jara l -korrispondenza u jikkomunika mar-residenti.

3.3 Rigward ilment Nru. 125898 li residenta minn Triq Dwardu Cachia qed terġa ttirilha s-‘salva vita’ meta jinxtegħel id-dawl ta’ barra. Wara lil-Kunsill bidel iż-żewġ lampi fit-triq, marru tal-Enemalta u wara spezzjoni fid-dar sabu li din għandha ‘salva-vita’ m’hiex b’saħħitha’ biżżejjed u għandha tinbidel.

3.4 Rigward ilment Nru. 126082 u 126087 dwar lampi fuq arbli fi Triq Erin Serracino Inglott u Triq Geronimo Abos, dawn iż-żewġ bozoz ġew irrapurtati lill-Enemalta.

4. **ĦLAS TA’ KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.**

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta’ kredituri kif tidher annessa f’dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli ‘mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

**5. MATERJI KONNESSI MA’ L-AWTORITA’ TA’ L-IPPJANAR.**

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet t-tagħrif dwar il-kontenut ta’ l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 04700/09. Sit fi Triq Anton Buttigieg. Biex tinħatt dar u bini ta' garaxx fil-basement, maisonette, żewġ flats u washroom. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.3 Dwar PA 01352/10. 63, Petlou, Triq l-Iklin c/w Triq Stefano Erardi. Biex jinfetħu twieqi fit-taraġ u jingħalqu l-gallariji bl-aluminium. L-applikazzjoni ġiet differita għal aktar informazzjoni.

5.4 Dwar PA 00835/09. Garage 36, Triq Erin Seracino Inglott. BIex jiġi approvat il-garaxx kif inbena. Bdil ta' parti mill-garaxx għal bejgħ ta' prodotti tal-karozzi, ħanut u twaħħil ta' tabella. L-applikazzjoni ġiet differita għal aktar informazzjoni.

5.5 Dwar PA 03423/09. 113, Triq Geronimo Abos. Biex tiġi approvata t-tinda tal-canvas. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.6 Dwar PA 01990/08. Bitmac Ltd, ix-Xwieki. L/O Iklin. Proposta biex jiġi estiz il-workshop tal-polystyrene. L-applikazzjoni ġiet differita.

5.7 Dwar PA 03444/09. The Model Shop. Triq Geronimo Abos c/w Triq Dun Karm. Applikazzjoni "Outline Development" biex isir bini estensiv fuq il-ħanut, store, u r-residenza ta' fuq. Parkeġġ taħt l-art, ħanut semi-basement, sular minnhom ħanut, u uffiċċji fil-level tal-penthouse. 'Change of use' minn bini residenzjali għal-bini kummerċjali. L-applikazzjoni ġiet differita għal-aktar informazzjoni.

5.8 Dwar PA 05268/08. Sit Tat-Tabib. Titjib fil-partijiet ta' barra, inkluz swimming-pool, ħajt madwar, u reservoir mar-razzett u approvazzjoni tal-ħitan eżistenti. L-applikazzjoni ġiet differita għal aktar informazzjoni.

5.9 Dwar PA 05554/09. Sit fi Triq Prinjol. Bini ta' żewġ semi-detached bungalows u garaxxijiet taħt. L-applikazzjoni ġiet differita.

5.10. Dwar PA 05712/09. Villa Oleander, Iklin Valley. Biex jiġu approvati xogħlijiet li saru ġewwa u barra differenti minn dawk approvati fil-permess PA 4322/06. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.11. Dwar PA 01760/09. Majjorkin, Triq l-Iklin. 'Change of use' minn parti minn garaxx għal ħanut taż-żebgħa u twaħħil ta' tabella. Biex jinżamm parti mill-garaxx għal- karozza privata.

5.12 Dwar PA 02168/08. Grefar, Triq Dun Karm. Biex jinbena appartament fit-tieni sular u 'washroom' fuq il-bejt. Kien

hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi annullata. Id-deċiżjoini oriġinali tibqa’.

5.13 Dwar PA 05206/09. Sit fi Triq Ħarruba kantuniera ma’ Triq il-Wied. Bini ta’ bungalow. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

## 6. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Naudi kien sejjer jispiċċa mix-xogħol uffiċċjalment fil-31 ta’ Ottobru 2010. Hu kien qed jipproponi li t-terminu tas-Segretarju jiġi mġedded sa’ l-aħħar tas-sena biex jagħlaq is-sena finanzjarja f’Diċembru.

6.2 Fl-istess ittra lis-Sindku kien sejjer jikteb lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kien sejjer jitlob ukoll biex id-Dipartiment jibda jaħseb għal sostitut tas-Segretarju.

6.3 Is-Sur Dalli talab jekk hux kulħadd kien qed jaqbel ma din il-proposta. Kullħadd approva u d-deċizjoni kienet unanima.

6.4 Is-Sur Dalli irrefera għal e-mail li rċevejna mingħand il-Lija/Iklin Football Youth Nursery biex il-Kunsill Lokali jinnomina tlett rappreżentanti tiegħu għa Il-Kumitat għas-sentejn li ġejjin.

6.5 Il-Kunsill Lokali għandu jaħseb f tit fuq din it-talba u wara jagħmel il-proposti tiegħu.

## 7. AĠĠORNAMENT.

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli qara ittra li rċevejna mingħand il-Kumitat tal-Festi tal-Parroċċa ta’ l-Iklin fejn kienu qed jitolbu l-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali Iklin biex jagħmlu l-attivita’ ta’ kull sena “Festa Sajf”.

7.2 Is-Sindku Anthony Dalli kien qed jipproponi li din l-attivita’ ssir bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill Lokali w ippropona li aħna nieħdu ħsieb il-grupp muzikali, is-siġġijiet u l-Mobile Toilets.

7.3 Staqsa jekk kienx hemm xi suġġerimenti oħra; u wara staqsa jekk hux kullħadd kien qed jaqbel ma’ din il-proposta. Il-proposta ġiet aċċettata unanimament.

7.4 Peress li ma’ kienx hemm iżjed x’niddiskutu, l-laqgha ġiet fi tmiemha fis-6.55pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 12 ta’ Lulju 2010

fil- 5.30pm.

7.5 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2010 fil-5.30pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv.